

# *Tas-Sliema Waqt il-Jiem tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ta' l-1913*



*1913 — The 24th International Eucharistic Congress*

Bejn it-22 u s-27 t'April 1913 inżamm f'Malta l-Erbgħa-u-Għoxrin Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Nistgħu ngħidu li din il-gżira ċkejna tagħna f'nofs il-Mediterran ħarġet bl-unuri kollha fl-organizazzjoni ta' dan l-avveniment hekk Importanti. Żgur ukoll li ma kienx jagħmel għajb għal dawk li ġew iċċelebrati fis-snin ta' qabel fi bliet kbar Ewropej bħal Lille, Avignon, Liege, Friburgu, Brussell, Ruma, Cologne, Londra u l-bqija.

Jidher li l-ewwel persuna li twebblet li jsir dan il-kungress f'pajjiżna kien il-Markiz Dott. Alfredo Mattei meta attenda għal Kungress li sar f'Londra fl-1908. Lura Malta, huwa wera bix-xewqa tiegħu lill-Isqof ta' Malta Mons Pietru Pace. Dan min-naħa tiegħu, għogbu l-ħsieb ta' Dott. Mattei u mall-ewwel kiteb lill-President Generali tal-Kumitat Permanenti Mons Tommaso Haylen, li min-naħa tiegħu aċċetta l-istedina ta' Malta. Dan kollu seħħ lejn tmien l-1911. Spinta konsiderevoli lejn it-talba ta' Malta seħħet permezz tal-mawra qasira fostna ta' Mons. Bourne, Arċisqof ta' Westminister. Huwa baqa' entużjast bil-laqgħa li ngħata, anke għall-fatt li kien għadu kemm ġie maħtur Kardinal, kif ukoll għar-Rabta li l-Maltin kellhom mal-Fidi Nisranija permezz ta' l-Ewkaristija Mqaddsa. Intagħżlet is-sena 1913 sabiex pajjiżna jospita dan il-kungress Internazzjonali. Irridu ngħidu li Mons Bourne kellu kuntatt indirett ma' Malta billi meta kien għalliem fl-Universita Vatikan kellu bħala studenti xi saċerdoti Maltin, fosthom Dun(aktar



tard) Mons Enrico Dandria li aktar tard insibu jagħti servizz fil-Knisja Parrokkjali Matriċi ta' Stella Maris.

Il-Papa ta' dak iż-żmien, aktar tard sar San Piju X, magħruf bħala l-Papa ta' L-Ewkaristija, bgħat il-Legat Tiegħu għal dan il-Kungress fil-persuna tal-Kardinal Domenico Fenech. Dan il-Kardinal kien diġa' sar Malta fl-1905 bħala Delegat ta' l-istess Papa fl-okkażjoni ta' l-inkurunazzjoni ta' Marija Immakolata f'Bormla. Problema mhux żgħira li kienet tinkwieta mhux ftit lill-organizzaturi kienet fejn ser jalloġġjaw lil dawn il-prelati u mistiedna oħra. Ma ninsewx li qed nitkellmu fuq Malta ta' mitt sena ilu. Lukandi kull ma kien hawn xi erba biss, fosthom il-Lukanda Imperial f'tas-Sliema li għadha teżisti. Huma sabu soluzzjoni għal din il-problema billi uħud ġew alloġġjati f'xi kunventi reliġjużi u oħrajn għand xi nies distinti. Tas-Sliema wkoll laqgħat uħud minn dawn il-Kungressisti. Fosthom insibu lil Kardinal Francis Bourne, li diġa semmejna aktar 'l fuq, mistieden tal-Markiz Mattei f'Capua palace. Il-Filantropu kbir is-Sur Fons Marija Galea laqa' fil-villa tiegħu (illum Fatima House mmexxija mis-sorjiet Orsolini) lill-E.T. Mons Levinhac, Arċisqof ta' Pacado, filwaqt li l-E.T. Isqof Michelle Faulthaber tal-Germanja qagħad għand is-Salezjani. Is-Sorijiet Orsolini ospitaw lill-Isqof l-E.T. Mons Anselmo Pace ta' Potenza u lill-Isqof l-E.T. Mons Chiappa ta' Lucera. L-Isqof ta' Revento, l-E.T. Mons Carlo Pietropaoli alloggja għand is-Sorijiet tal-Blue Sisters filwaqt li għand is-Sorijiet tas-Sacred Heart kien hemm l-Isqfijiet ta' Aberdeen, ta' l-Ungerija, ta' Spanja, Lipari, Catanzaro u Trapani, disgħa b'kollox. Finalment insibu lill-Isqof ta' Plock fil-Polonja, L-E.T. Mons Antonio Nowowieski li qagħad għand is-Sur John Asphar fil-villa tiegħu f'Fond Għadir.

Lura għall-Kungress fih innifsu, nistgħu ngħidu li l-attivitajiet ippjanati rnexxew bil-bosta. Il-Knejjes li fihom ġew organizzati konferenzi u ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi kif ukoll quddies Pontifikali, kienu mimlija bin-nies. L-aktar li ntużaw għal dan l-iskop kienu l-Knejjes tal-Belt Valletta, tar-Rabat u l-Katidral ta' l-Imdina iżda fuq kollox ir-Rotonda tal-Mosta fejn fiha saru l-akbar ċerimonji u attivitajiet reliġjużi. Baqgħet tissemma wkoll il-Quddies li ġiet iċċelebrata fil-Knisja Arċipretali tal-Furjana li fiha numru kbir ta' tfal irċevew l-Ewwel Tqarbina.

Anke fi bliet u irħula oħra ġew iċċelebrati quddies Pontifikali minn uħud mill-isqfijiet barranin li kienu hawn fostna kif ukoll saru manifestazzjonijiet pubbliċi bl-Ewkaristija Mqaddsa. F'dawn il-postijiet ukoll sar tiżjin fit-toroq u l-pjazez bħalma sar fiċ-Ċentri prinċipali. F'Tas-Sliema wkoll saret attivita' simili u li kienet xejn ta' inqas f'importanza. Fil-Fatt fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris li dak iż-żmien kienet l-unika Parroċċa f'tas-Sliema, ġiet iċċelebrata Quddiesa Pontifikali mill-E.T. Bartolomeo Clemente Combes, Arċisqof ta' Kartagni u Primat ta' l-Afrika magħruf bħala "tal-Patrijiet il-Bojod". Wara saret proċessjoni Ewkaristika mat-toroq ta' bletna u li għaddiet ukoll mix-Xatt. Tas-Sliema ukoll iżżejnet għall-okkażjoni u filghaxija saret mixgħela ġenerali. Fil-fatt ftit wara li ntemm dan il-kungress Internazzjonali, ġie stampat ktieb ta' tifkira li hu speċi ta' djarju ta' kull ma seħħ waqt dan l-avveniment hekk importanti mhux biss għall-Pajjiżna. Il-ktieb jgib l-isem l'XXIV Congress Eucaristico Internazionali f'Malta hu miktub minn Patri Frangisk Azzopardi O.P. F'paġna 285 ta' dan il-ktieb dan il-Patri Dumnikan jikteb hekk "Minn Marsamxett kont tilmah Tas-Sliema bħal ilsien tan-Nar nferrex ma tul il-Baħar" fejn naturalment qiegħed jirreferi għal mixgħela li saret f'tas-Sliema.

Il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ntemm nhar il-Ħadd 27 t'April 1913 b'purċissjoni solenni li ħarġet mill-Kon Katidral ta' San Ġwann u mxiet lejn il-Fosos tal-Furjana fejn ingħatat il-Barka Sagramentali minn fuq Tribuna armata apposta.

Żgur li dakinhar l'innu "T'adoriamo Ostia Divina" b'versi tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila u mużika tal-bravu Surmast Belti Giuseppe Caruana, u li kien inkiteb bħala l-Innu tal-Kungress, ma tkantax għall-aħħar darba. Irridu ngħidu li tant ingħoġob li ħafna mill-mistiedna barranin xtaqu



kopja tiegħu u saħansitra sal-lum għadu jitkanta f'bosta ilsna. Il-verzjoni Maltija ġġib isem ta' "Nadurawk Ja Ħobz tas-Sema". L-aħħar impenn tal-Legat tal-Papa, il-Kardinal Domenico Ferrata kien fir-Rabat Għawdex fejn bierek u assista għal ftuħ mill-ġdid tal-Knisja ddedikata lil Sta. Sabina u li fiha ssir adorazzjoni prepetwa, drawwa qaddisa u sabiħa li b'xorti tajba llum insibuha mxerrda sew fil-gżejjer tagħna.

Bħala tifkira dejjiema ta' dan il-Kungress fil-Furjana nsibu l-Monument ta' Kristu Re, xogħol l-iskultur Zebbuġi ta' fama Antonio Sciotino li ġie inawgurat nhar it-30 ta' Diċembru 1917. Mir-rapporti tal-gurnali ta' l-epoka, anke dawk barranin fosthom L'Osservatore Romano, nafu kemm dan il-Kungress kien suċċess. Tas-Sliema wkoll, minkejja li kienet għadha bdiet tiżviluppa u b'parroċċa waħda, dik ta' Stella Maris, ukoll tat is-sehem tagħha u ngħaqdet mall-kumplament ta' Malta sabiex turi d-devozzjoni tagħha lejn Ġesu' Ewkaristija.

Referenzi


- Suppliment ta' Il-Mument 2/6/13
- L-Isqof li ħabbu kulħadd – P.Philip Mallia O.P.
- L'XXIV Congress Eucaristico Internazionali f'Malta – P.F. Domenico Azzopardi.
- Artiklu ntitolat TMENIN SENA ILU ta' Maurice Busietta – Programm Festa Stella Maris 1993



KENNEDY SALON

by Tony & Dad

for Cut & Blow Dry Modern & Classic Haircuts

351, Manwel Dimech Street, (corner with St. joseph Street,) Sliema

Mobiles Dad: 9988 1917 - Tony: 9980 4047

*Jawguraw il-festa t-tajba lis-Slimiżi kolllha!*